KUNSILL REĠJONALI LVANT

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 47

# L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 47

It-Tlieta 29 ta' Lulju, 2025

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Is-Sa Yvonne Bartolo – Viċi Sindku Iklin
Is-Sur Neville Chetcuti – Sindku Gżira
Is-Sur Stefano Savo –Sindku Pieta'
Dott. Kaylon Zammit – Sindku Pembroke
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sur Luke Vella – Kunsillier Birkirkara
Is-Sa. Mariah Meli – Sindku Għargħur
Is-Sa Maryanne Abela – Kunsilliera Swieqi
Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Charles Selvaggi – Sindku l-Imsida
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 47.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

47.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittri t'apoloġiji mingħand is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sur Charles Selvaggi u mis-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, sabiex jinfurmawna li ma setgħux jattendu din il-laqgħa.

47.1.2 Il-membri preżenti approvaw dawn l-ittri.

## 47.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

47.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 46A li nżammet nhar il-Ħamis 12 ta' Ġunju 2025 u l-minuti tas-Seduta 46B (kontinwazzjoni tal-Laqgħa) kienu meħuda bħala moqrija.

47.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku tal-Gżira, is-Sur Neville Chetcuti, sekondata mis-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli.

47.2.3 ***17:10pm – is-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, wasal għal din il-laqgħa.***

47.2.4 Il-President talab lill-membri sabiex tiġi ndirizzata item numru 47.5 mill-aġenda sabiex jiġu diskussa r-rapporti finanazjarji.

47.2.5 Fuq approvazzjoni tal-membri preżenti, il-President ressaq fuq il-mejda ir-rapporti mħejjija u stieden lill-Accountant tar-Reġjun, is-Sa Perici Ferrante, sabiex tiddisukiti dawn ir-rapporti f'aktar dettal. Liema rapporti kienu ntbagħtu lill-membri permezz ta' emejl qabel din il-laqgħa.

47.2.6 ***17:12pm – Is-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Mariah Meli, waslet għal din il-laqgħa.***

## 47.5 Rapporti

47.5.1 Is-Sa Perici Ferrante ressqet fuq il-mejda il-*Financial Quarterly Report* li kien qed ikopri l-pożizzjoni finanzjarja tar-Reġjun sa' Ġunju 2025. Hi spjegat kif ir-Reġjun kellu *deficit* ta' €83,065. Hi qalet kif it-*total working capital* kien wieħed tajjeb peress li hemm 67% tal-Financial Indicator u r-Reġjun għandu *provision* għall-LES Debtors u l-cash huwa tajjeb. Hi spjegat kif fir-rapport hemm miktub kif fl-allokazzjoni għar-rejected waste għas-sena 2024, il-Gvern taha €89,043 pero attwalment kont dwar dan mingħand WasteServ kien ta' €113,801. Is-Sa Perici Ferrante spjegat kif parti mid-deficit kien minħabba din ir-raġuni. Hi żiedet tgħid ukoll kif ir-Reġjun kien irċieva kont ieħor fuq l-istess ħaġa għas-sena 2025 u kif id-differenza ta' l-ewwel kont u għat-tieni kont, ir-Reġjun għadu qed jistenna l-allokazzjoni għal din id-differenza.

47.5.2 Is-Sa Perici Ferrante qalet ukoll kif ir-Reġjun għadu qed jistenna wkoll ir-rimborż li r-Reġjun jieħu ta' kull sena mingħand l-Aġenzija, LESA għall-pagamenti li huma relatati ma' l-uffiċju tat-tribunal għas-sena 2024.

47.5.3 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, staqsa jekk l-ammont imsemmi fuq id-differenza li s'issa kienet inħarġet mir-Reġjun kienux ittieħdu mill-allokazzjoni tar-Reġjun.

47.5.4 Is-Sa Perici Ferrante spjegat kif s'issa din id-differenza kienet meħuda minn hemm.

47.5.5 Is-Sur Dalli sostna li r-Reġjun irid jieħu nota dwar dan peress li l-flus qed jittieħdu mill-allokazzjoni tar-Reġjun.

47.5.6 Is-Sindku ta’ Pembroke, Dott. Kaylon Zammit, staqsa jekk ir-Reġjun tkellimx mad-Diviżjoni Għal Gvern Lokali dwar dan.

47.5.7 Is-Sa Perici Ferrante infurmat li r-Reġjun kien talab għall-laqgħa mad-Direttur Ġenerali għad-Diviżjoni u għaliha kien hemm preżenti l-President, is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun, il-Waste Coordinator Manager tar-Reġjun u l-accountant, kif ukoll id-Direttur fuq Finanzi u *Procurement*, is-Sa Clare Bugeja.

47.5.8 Il-President żied jgħid kif f’dan il-meeting ir-Reġjun leħaq informa lid-Diviżjoni dwar dan kollu u kien qed jistenna risposta lura dwar jekk din id-differenza hux ser tiġi koperta mill-Gvern lokali.

47.5.9 Dott Zammit staqsa jekk dan kollu kienx ukoll sar bil-miktub.

47.5.10 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif din it-talba kienet diġa ġiet mressqa bil-miktub ukoll lid-Direttur Ġenerali u kien weġibna lura li d-differenza li kellha tinħareġ mir-Reġjun ser tingħata lura mill-Gvern Lokali.

47.5.11 Is-Sa Perici Ferrante qalet kif li kienet ċerta kien li l-Gvern Lokali kien informa bil-miktub lir-Reġjun li ser ikun qed jgħati rimborż għall-kollezzjoni ta’ l-iskart riċiklatt tal-kummerċjal. Għal din ir-raġuni, dawn ġew imdaħħlin fis-sistema ta’ l-accounting.

47.5.12 Is-Sa Perici Ferrante qalet ukoll li l-ammont ta’ 2023 u 2024 mhumiex parti minn dan id-deficit.

47.5.13 Kien hemm qbil sabiex is-Segretarju Eżekuttiv tivverifika l-aħħar komunikazzjoni li l-Waste Manager kellu mad-Direttur Ġenerali u jingħata aġġornament fuq dan fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

47.5.14 Is-Sa Perici Ferrante kompliet tagħti spjegazzjoni dettaljata fuq l-fatturi li qed jinħarġu u kif dawn qed ikunu aktar għoljin mix-xhur preċedenti.

47.5.15 Is-Sur Chircop inform kif dwar dan kienet inġibdet l-attenzjoni lid-Diviżjoni sabiex ikunu nfurmata bis-sitwazzjoni minn issa u mhux fi tmiem is-sena.

47.5.16 Is-Sur Anthony Dalli talab sabiex jitressqu ż-żewġ rapporti li hu kien talab lir-Reġjun permezz ta’ emejl sabiex jistaqsi xi domandi fuqhom.

47.5.17 Is-Sur Dalli staqsa kif l-ammont ta’ l-allokazzjoni indikat fir-rapport kien ferm iktar minn dak tas-soltu.

47.5.18 Is-Sa Perici Ferranta spjegat kif dak l-ammont kien jinkludi l-allokazzjoni finanzjarju tar-Reġjun kif ukoll l-allokazzjoni tas-servizz tal-ġbir tal-iskart u tat-*tipping fees*. Żiedet tgħid ukoll li l-fatturi lill-WasteServ u lill-PROs ukoll huma kollha mibgħuta mir-Reġjun sabiex ir-Reġjun jirċievi l-ħlasijiet.

47.5.19 Kien hemm diskussjoni qasira dwar iċ-ċitazzjoni antiki li għadhom jidru pendenti u kien hemm spjegazzjoni li r-Reġjun kemm-il darba kien għamel eżerċizzju biex dawn jiġu rkuprati imma jekk kien ser jerġa jsir eżerċizzju ieħor, dan kien ser jispiċċa jkun ta’ piż finanzjarju għar-Reġjun mingħajr ma jkollu dħul.

47.5.20 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lill-membri jekk kienx hemm aktar domandi sabiex r-rapporti ppreżentati jgħaddu għall-approvazzjoni.

47.5.21 Ir-rapport finanzjarju ġie approvat mill-membri preżenti b’mod unanimu.

47.5.22 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda il-Management Letter għas-sena 2024 kif ukoll ir-risposta li kienet ġiet ippreparata mis-Segretarju Eżekuttiv flimkien ma’ l-Accountant tar-Reġjun.

47.5.23 Is-Sa Perici Ferrante spjegat kif l-awdituri kienu qed jitolbu lir-Reġjun sabiex il-kera ta’ l-Uffiċċju Amministrattiv kif ukoll il-kera tal-Uffiċċju tat-Tribunal Lokali fejn irid ikun hemm evalwazzjoni ta’ kemm ser ikun l-ammont għall-perjodu ta’ ħames snin sabiex dawn jiġu nklużi mal-*fixed assests* u jkun hemm kif ser ikun qed jiġi mħallas. Hi qalet bħala rapport ma kienx hemm problemi kbar.

47.5.24 Ir-rapport ġie approvat fuq proponiment mis-Sindku ta' Pembroke, Dott. Kaylon Zammit, sekondat mis-Sindku tal-Pietà, is-Sur Stefano Savo.

47.5.25 Peress li ma kienx hemm domandi aktar fuq ir-rapporti finanzjarji, il-President irringrazzja lis-Sa Perici Ferrante talli kienet preżenti u ta' l-informazzjoni li pprovdiet u għaldqastant il-laqgħa tkompliet bl-*items* li kien hemm fuq l-aġenda ta' din il-laqgħa.

## 47.3 *Komunikazzjoni mill-President*

- ***Aġġornament fuq il-Konferenza SEDEC (Kummissjoni Għall-Politika Soċjali, Edukazzjoni, Impjiegi, Riċerka u Kultura)***

47.3.1 B'referenza għal din il-konferenza, il-President informa lill-membri kif hu kien ser jgħatti spjegazzjoni dwar il-preparamenti meħtieġa li kienu saru għal din il-konferenza kif ukoll rendikont dwar l-ispejjeż li kienu saru.

47.3.2 Hu spjega kif konferenza bħal din kienet saret darba oħra biss u madwar għaxar snin ilu ġewwa Malta u meta hu kien avviċinat biex iressaq l-interess f'isem ir-Reġjun, hu kien avviċina lill-membri waqt laqgħa tar-Reġjun u din kienet ġiet diskussa. Hu spjega kif, onestament, is-sapport li kien jidher fil-bidu tal-organizzazzjoni ma rnexxiex kompletament meta kienet waslet il-konferenza, b'mod speċjali fejn jidħlu *sponsorships.*

47.3.3 Il-President spjega kif l-Espressjoni ta' Interess kienet ġiet imħabbra f'Ġunju 2024 u kienet tagħlaq fil-21 t'Ottubru 2025. Hu spjega kif ir-Reġjun kien ivvutat kontra l-Bulgaria favur Malta, fejn fih kien intwera l-filmat li kien intuża għas-sena kulturali 2024.

47.3.4 Is-Sur Chircop qal kif it-tema kienet saret mal-Universita ta' Malta, b'mod speċifiku mas-Sur Profs Montebllo, fuq l-AI. Il-Problema fil-bidu kienet sakemm ġew stabbiliti d-dati tal-konferenza fejn din ħolqot problema anke fuq l-akkomodazzjoni. Hu spjega kif peress li l-indikazzjoni kienet li ser tinżamm f'Ġunju, għal Malta din ħolqot problema sakemm ir-Reġjun stabilixxa l-lukandi skont id-disponibbiltà tagħhom. Kien hemm lukandi li ma kienux jistgħu joffru akkomodazzjoni u wara ħafna żmien, l-unika lukandi li wrew interess kienu AX The Palace, f'tas-Sliema u l-Marriot Hotel, fil-Balluta San Ġiljan. Hu spjega kif meta kienet riesqa l-konferenza, l-Marriot Hotel kienu talbu għall-ħlas ta' depożitu fuq l-okkupazzjoni tal-kmamar. Hu spjega kif din ma kinitx possibli u għal din ir-raġuni, r-Reġjun kellu jmexxi ma' l-unika Hotel, The Palace Hotel, tas-Sliema.

47.3.5 Is-Sur Chircop spjega kif f'Jannar 2025, l-organizzaturi kienu ħabru dati għas-17 u 18 ta' Ġunju 2025 imma umbad bdew iċaqalqu d-dati u wara diversi tentattivi, id-dati finali kienu ġew stabilliti fit-3 ta' Marzu 2025. Peress li kien qed joqrob iż-żmien għall-konferenza, ir-Reġjun kien ipproċeda ma' l-AX The Palace Hotel, Sliema. Hu spjega wkoll kif ir-Reġjun kien marbut li l-lukandi kellhom ikunu bi prezz sa mhux aktar ta' €135 (li ma jkunx jinkludi l-kolazzjoni) u ta' €150 (jekk ikun jinkludi l-kolazzjon) u jrid ikun hemm 50 kamra sikura. Is-Sur Chircop kompla jgħid kif din kompliet iżżid iktar diffikulta u kif għal din ir-raġuni talab l-għajunan tal-kumapnija, Alpine, sabiex ikunu jistgħu jsibu l-kmamar huma.

47.3.6 Il-President qal ukoll kif problema oħra kienet l-*isponsorship* fejn fil-bidu nett kien hemm komunikazzjoni mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Keith Azzopardi Tanti, fejn kien wera interess kbir u kien talab sabiex jingħata *breakdown* ta' l-ispejjeż ikkonċernati ma' din il-konferenza. Madanakollu hu żied jjgħid kif wara l-ewwel laqgħa, kienu tressqu diversi talbiet għat-tieni laqgħa pero din kienet saret ftit ġranet qabel il-konferenza.

47.3.7 Is-Sur Chircop qal ukoll kif kien hemm laqgħa li kienet inżammet ukoll ma' l-Onor. Clifton Grima fejn kien qal li jekk kien hemm il-kelma mingħand is-Segretarju Parlamentari tiegħu, hu ma kellux għalfejn jidħol fiha peress li kien ġej mill-istess Ministeru.

47.3.8 Is-Sur Chircop qal ukoll li kien għamel kuntatt ukoll mal-Uffiċċju tas-CEO tal-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta fejn tlabna l-għajnuna sabiex ikun hemm żjariet kulturali offruta lid-delegati li kienu ser jattendu din il-konfrenza. It-talba ġiet milquha kemm mod finanzjarju kif ukoll permezz ta' Gwidi offruta għall-

ewwel żjara u transport. Fl-ewwel ġurnata kien hemm żjara l-Belt. Is-Sur Chircop qal kif hu kien issuġġerixxa li ssir vista ġor-Reversa Osmosis ġewwa Pembroke u għal din ir-raġuni kien hemm talba mressqa lill-Ministru Dalli u mill-ewwel kien hemm rispons u għenu fl-arranġamenti neċessarji. Madanakollu meta kellha tinżamm il-vista, dakinhar stess tal-vista kien hemm ħsara u għal din ir-raġuni l-vista kienet saret ġewwa Għar Lapsi. Hu semma kif l-unika diżappunt kien li peress li fit-tieni ġurnata tal-konferenza maġġoranza tad-delegati kellhom jitilqu skond it-titjira, l-attendenza fit-tieni żjara kien baxxa ħafna.

47.3.9 Is-Sur Chircop żied jgħid ukoll kif laqgħa oħra kienet saret ma' l-Onor. Rebecca Buttigieg u ma' l-Onor. Alison Zerafa Civelli, pero ma kienx hemm konklużjoni għalkemm kien hemm interess mingħand l-Onor Buttigieg fejn kien hemm kunsiderazzjoni li tkun parti mill-programm. Dan ma setax isir

47.3.10 Is-Sur CHirop qal ukoll kif fil-frattemp kien hemm ukoll komunikazzjoni ma' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn ir-Reġjun ingħata somma ta' €5,000 u ta' €2,000 kienu mgħotija mingħand l-Aġenzija LESA. Is-Sur Chircop qal ukoll kif kienet ġiet imressqa talba lill-LESA sabiex jingħataw uffiċċjali meta l-*coach* tkun quddiem il-lukanda biex tieħu lid-delegati għaż-żjariet, peress li l-punt ta' tluq kien wieħed limitat. Madanakollu r-Reġjun irċieva kont għal dan is-servizz u għal din ir-raġuni l-President bagħat komunikazzjoni lill-LESA meta l-Aġenzija kienet involuta fil-konferenza. Hu qal kif ma kienx għadu rċieva risposta dwar dan pero ser ikun qed jerġa jgħamel tentattiv ieħor.

47.3.11 Il-President żied jgħid kif ir-Reġjun kien ġabar diversi kwotazzjonijiet kif inhu meħtieġ, fosthom fuq is-servizz sabiex jiġu milqha d-delegati matul il-Ħadd 15 ta' Ġunju 2025 kif ukoll meta jkunu ser jitilqu mill-lukanda t-Tlieta 17 ta' Ġunju 2025. Hu qal kif hu kien ħa deċiżjoni li mill-kwotazzjoni mressqa ġiet mgħażula l-Kumpanija, Alpine, għalkemm is-servizz fit-tieni ġurnata talkonferenza ma kienx daqstant sodisfaċenti. Hu qal ukoll kif id-delagati waslu kollha l-Ħadd u kienet ħabtet fil-ġurnata ta' Jum il-Missier u kien hemm bżonn li jkun hemm xi ħadd preżenti li jilqa lid-delegati kif ukoll sabiex ikun hemm *shuttle service* biex joħodhom il-lukandi. Hu qal ukoll kif il-kwotazzjoni magħżula ma kinitx l-orħos waħda provduta pero hu ikkonsidra li minħabba s-servizz li kellu jingħata, ġiet magħżula din il-kumpanija bħala serħan il-moħħ li s-servizz mitlub kien wieħed tajjeb. Is-Sur Chircop spjega kif għal din ir-raġuni d-deċiżjoni kienet meħuda minnu u jerfa kull responsabilità dwar din id-deċiżjoni. Hu żied jgħid ukoll li ma' l-istess Aġenzija kienet intalbet l-għajnuna sabiex isibu diversi lukandi għad-delegati li kienet qed tkun impossibli li jinstabu mir-Reġjun.

47.3.12 Is-Sur Chircop qal kif dan kollu kien ippreparah b'forma ta' rapport fejn ġie spjegat dak kollu li kien ġara u d-deċiżjonijiet meħuda. Hu qal ukoll kif ser ikun qed jgħamel *file* b'din l-informazzjoni kollha u ser ikun aċċessibbli għal min ikun jixtieq jarah

47.3.13 Is-Sur Chircop semma wkoll kif fil-bidu nett ta' l-organizzazzjoni, l-lukanda kienet ġiet mitluba biex tipprovdi lista ta' servizzi u apparat li tkun tistà toffri bħala lukanda u kif bħala Reġjun kien talabs servizz mingħand kumpanija li normalment dejjem użu s-servizz tagħha kull meta tittella konferenza. Hu spjega kif fil-bidu ta' Marzu 2025 kien qed ikun qed laqgħat regolari virtwalment anke ma' l-organizzaturi ta' Brussel pero wara diversi laqgħat, ir-Reġjun kien ġie infurmat li din il-kumpanija ma riditx tkompli bl-organizzazzjoni fil-21 ta' Mejju. Hu qal ukoll kif meta ġie infurmat b'din id-deċiżjoni s-Sur Chircop kien jinsab imsiefer u kien ftihem miegħu sabiex malli kien lura Malta ikun jistà jitkellem miegħu aħjar u jaraw kif jistgħu isolvu d diffikulta. Hu qal kif fuq it-telefon huwa qallu li ser ikun qed jabbanduna r-responsabiltà kollha. Hu qal ukoll kif kumbinazzjoni kien fil-prezenza mas-Sur Mario Fava u offra l-għajnuna tiegħu fl-organizzazzjoni.

47.3.14 Is-Sur Chircop żied jgħid ukoll kif sa ma kienet inqalet din il-problema, din il-kumpanija ma kinitx għadha ressqet il-kwotazzjonijiet provduta. Fortunatament uħud mill-kumpanija li taw is-servizz tagħhom kienu diġa nfurmati b'din il-konferenza peress li kienu ser ikunu il-kumpaniji li jgħatu s s-servizz. Is-Sur Chircop qal kif l-ikbar problema kienet li wara li kien ġie miftihem kollox u kif hu kellu jerġa jlaqqa r-rappreżentanti tekniċi minn Brussel mal-kuntrattur il-ġdid. Hu spjega kif naturalment meta hu spjega dan kollu lir-rappreżentanti kien hemm paniku kbir peress li l-konferenza kienet fil-viċin u x-xogħol kellu jibda mill-ġdid mal-kuntratturi ġodda. Hu qal kif ftemp ta jumejn nżammet din il-laqgħa sabiex kollox jimxi

47.3.15 Is-Sur Chircop spjega kif hu daħħal f'dan id-dettal kollu biex jgħati spjegazzjoni ċara għalfejn ċertu stimi ma setgħux jiġi ppreżentati qabel il-laqgħa tal-llum. Hu spjega li ħass li għalkemm hu kien mexxa diversi konferenzi, hu qatt ma kellu dawn it-tip ta' sitwazzjonijiet u kien qed jispjega dan kollu mhux biex jiskolpa minn xi deċiżjoni imma biex kulħadd ikun infurmat. Hu qal kif madanakollu l-konferenza saret u mar

kollox tajjeb, għalkemm inqalaw problemi oħra li mhumiex daqstant relevanti. Hu qal ukoll kif ma kien hemm l-ebda nuqqas minn-naħa tagħna pero ċ-ċirkustanzi ma ppermettux li dan seta jsir qabel biex nimxu kif ir-Reġjun dejjem mexa bil-proċeduri finanzjarji.

47.3.16 Il-viċi President u Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, talab biex jgħamel kumment fuq dan kollu. Bil-permess tal-President hu qal prosit lill-President tax-xogħol li sar b'mod speċjali fiċ-ċirkustanzi li kien hemm anke fid-dawl li hu għamel oltra minn dak mistenni billi kien preżenti għal kollox, kien preżenti waħdu, irrikorra għal nies b'mod volontarju u saħansitra ħareġ ċertu spejjeż hu personali u mhux mir-Reġjun u kif dan m'għandhux ikun. Hu qal kif din tkelmuha bejniethom ċerta Sindki meta ndunaw b'ċertu affarijiet u ndunaw li kellu jerfa ċerta repsonsabilità. Hu qal ukoll kif fejn jidħlu l-aspett ta' fondi, jidher li kollox kien iġġustikfat u saru l-mirakli d'dak li kien qed jiġi ppreżentat. Hu qal ukoll kif illum wieħed kien qed jistaqsi għalfejn kien hemm il-prezenza numru ta' staff mill-AKL li kienu qed jgħinu waqt din il-konferenza. Qal li għal din ir-raġuni hu jixtieq jirringrazzjhom ukoll.

47.3.17 Il-President żied jgħid ukoll li filfrattemp, meta ġiet informazzjoni ġdida ta' SEDEC, kien hemm bdil fid-delegati, fejn għalkemm hu baqa membru f'SEDEC ta' l-EPP, pero minn naħa ta' PES, kien ġie mibdul u appuntat is-Sur Mario Fava. Hi qal kif dan it-tibdil kien sar fil-bidu ta' din is-sena u għal din ir-raġuni s-Sur Fava kellu jkun fl-interess tiegħu li jkun parti minn din il-konferenza peress li dan kien ukoll obbligu.

47.3.18 Il-President esprima wkoll kif dan mhux il-mod kif għandhom isiru l-affarijiet. Hu qal kif hu ċertament mhux ser jerġa jintriga li jkun parti minn xi ħaga simili pero hu ħas li din m'għandhiex tagħti jew turi xi laxkezza. Hu qal kif hu kien jaf l-obbligu li kien hemm u kif sa l-aħħar ġranet kien hemm insistenza mill-uffiċċju sabiex jiġu pprovduti l-kwotazzjonijiet u kif għal din ir-raġuni ma kienx hemm nuqqas minn dan is-sens.

4.3.19 Is-Sindku ta' Pembroke, Dott. Kaylon Zammit, għamel referenza għal punt li kien semma s-Sur Zammit u qal kif jekk kienu saru xi spejjez li kienu nħarġu mill-President minħabba din il-konferenza, hu ssuġġerixxa li dawn l-ispejjeż għandhom jiġu rifonduti lura lill-President,

47.3.20 Is-Sur Chircop skuża ruħu li l-istedina kienet maħruġa tard imma kollox kellu jsir f'qasir żmien. Hu qal ukoll li kienet okkazzjoni sabieħa li, għalkemm inżertat ħabtet f'Jum il-Missier, id-delagati ġew milquha u offruta bibita żgħira.

47.3.21 Dott Zammit reġa nsista li dawn l-ispejjeż li saru għandhom jintrefew mir-Reġjun u mhux mill-President.

47.3.22 Is-Sur Chircop qal kif kull ma kien jixtieq kien biss li jserraħ moħħu dwar kif kellhom jiġu meħuda ċertu deċiżjonijiet. Hu qal ukoll kif, apparti minn hekk, kien perjodu wkoll fejn diversi laqgħat tar-Reġjun ma kienux qed isiru minħabba l-affarijiet li kienu qed jinqalu u ma xtaqtx li dawn id-dettalji jingħataw wara li kien għadda kollox. He tenna li l-affarijiet ma sarux bi traskuraġi u kienu ta' sfida kbira.

47.3.23 Hu qal ukoll kif mill-perspettiva ta' SEDEC, kollox jidher li mar tajjeb. Idealment il-ħsieb kien li nżommu l-baġit baxx.

47.3.24 Dott Zammit reġa tenna li jekk kien hemm xi spejjeż dawn għandhom jintraddu lura lill-President.

47.3.25 Is-Sur Chircop qal li dan ma kienx neċessarju u qal kif hu ried biss li jgħamel kollox ċar waqt din il-laqgħa u sabiex, jekk ikun hemm xi diffifultajiet aktar 'il quddiem u diment li jkun għadu preżenti, din tkun ġiet iċċarata permezz ta' sekwenza ta' kif graw laffarijiet. Hu ħeġġeġ li ma jerġa ikun hawn din it-tip ta' sitwazzjoni u awgura biex fil-futur dawn iċ-ċirkustanzi ma jerġgħux jirreptu ruħhom.

47.3.26 Is-Sur Max Zammit qal kif ċertu kumpaniji li joffru dan is-servizz hemm pika bejniethom u forsi wieħed għandhu jaħseb li jkun hemm *back up plan* sabiex din il-problema ma terġax tinqala.

47.3.28 Is-Sur Chircop qal ukoll kif għalkemm wieħed ikun qed jaħdem ma kumpanija, umbad l-fatturi ma jinħarġux minnu. Dan juri li dawn ikunu ħbieb bejniethom li ma tkunx taf jekk kienx hemm piki benjiethom. Infatti hu qal kif ir-Reġjun wara nduna li kien qed jaħdem ma kumpanija li kienet diġa ġiet ingaġġata permezz ta' kumpanija oħra.

47.3.29 Il-Kunsilliera tas-Swieqi, is-Sa Maryanne Abela, qalet kif finalment bħala pajjiż għamilna figura tajba għalkemm kien hemm dawn l-intoppi li ma jidhirx li l-barranin indunaw b'dawn il-problemi li kienu nqalaw.

47.3.30 Is-Sur Anthony Dalli issuġġerixxa li issir lista ta' nies li huma serji fis-servizz tagħhom u li ssibt ħajt ta' kenn meta wieħed jiġi ffaċjat b'dawn il-problemi.

47.3.31 Is-Sur Chircop qal kif waqt li kienu għaddejjin bil-preparamenti għal din il-konferenza, din l-istess persuna bagħat jawgura xewqat sbieħ lilu f'għeluq sninu u ta' dan irringrazzjah. Sfortunament xi ħaġa marret ħażin u l-agħar ħaġa kienet li r-Reġjun kien qed jaħdem ma persuna li uża s-servizz tiegħu diversi drabi umbad bdak li ġara kellu juża servizz ta' xi ħadd li qatt ma ħdimna miegħu.

47.3.32 Is-Sur Dalli għamel referenza għal esperjenza simili li hu kellu fis-servizz tal-*bulky refuse* u spjega x'kien ġara.

- ***Aġġornament fuq il-kuntrattur ta' l-iskart***

47.3.33 B'referenza għal dan il-President informa lill-membri preżenti kif il-ġurnata ta' qabel ma nżammet din il-laqgħa, ir-Reġjun kellu laqgħa mad-Direttur Ġenerali tal-Gvern Lokali flimkien ma' l-avukat tagħna. Hu qal ukoll kif qabel din il-laqgħa kienet inżammet laqgħa oħra ma l-istess nies fil-preżenza wkoll mad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kuntratti dwar kif jistgħu jiġu applikati u jinħarġu l-multi.

47.3.34 Hu spjega kif fil-laqgħa li nżammet il-ġurnata ta' qabel, kien hemm ftehim li l-kuntattur kellu jiġi lura f'din il-laqgħa u jgħati aġġornament dwar it-titjip fl-iktar tliet punti li kienu meqjusin importanti għar-Reġjun. Hu qal kif sfortunament fl-ewwel laqgħa l-kuntrattur kellhom avukat ġdid u l-kontribut tiegħu kien wieħed pożittiv imma fil-laqgħa tal-bieraħ l-avukat tagħhom ma setax jattenti għax kellu jsiefer b'mod urġenti ċ-Ċina u l-laqgħa kienet reġgħet saret għalxejn. F'din il-laqgħa l-Manager tal-Waste spjega kif l-ammont fil-piż tal-boroż kien tela b'mod esaġerat matul dawn l-aħħar xhur meta ġie ikkumparat ma xhur preċedenti.

47.3.35 Is-Sur Chircop qal ukoll kif għall-laqgħa tal-llum kien hemm ftehim fil-laqgħa preċedenti tar-Reġjun sabiex is-Sur Ryan Zammit ikun preżenti għal din il-laqgħa sabiex jgħati spjegazzjoni dwar l-figuri relatati mal-ġbira tal-boroż. Hu qal kif hu talbu sabiex din issir id-darba li jmiss.

47.3.36 Hu qal kif il-konklużjoni ta' dawn l-aħħar tliet laqgħat ma ssarfu f'xejn ħlief għal ħela ta' ħin kif ukoll għall-ispejjeż ta' l-avukat. Hu qal ukoll kif l-unika ħaġa li wieħed jistà jaħdem fuqha hija fuq il-*workplan*. Hu qal kif għalkemm il-kuntrattur kien ipprovda din il-workplan, ir-Reġjun kien qed iħoss li din ma kienitx qed tiġi onorata u osservata mill-kuntrattur. Għal din ir-raġuni hu talab lill-membri sabiex min għandu xi dubji jew jixtiequ jaraw xi tibdil fil-ħinijiet li hemm stabbiliti, hu offra lill-membri sabiex jiġbdu l-attenzjoni tar-Reġjun sabiex din tiġi rreferuta qabel ma din tiġi ffinalizzata. Hu issuġġerixxa li ma jkunx hemm kuntatt direttament mal-kuntrattur biex jipprova jirranġa xi affarijiet.

47.3.37 ***18:07pm - Is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, skuża ruħu mill-laqgħa minħabba impenn ieħor***.

47.3.38 Is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Neville Chetcuti, staqsa jekk din kienitx relatata mal-bdil li l-ġabra taż-żibel tibda ssir tard filgħaxija.

47.3.39 Is-Sur Chircop spjega li kien qed jgħamel referenza għal kif is-sitwazzjoni kienet fil-preżent u dwar il-proposta li tinżamm il-ġabra tard filgħaxija, hu informa lill-membri li kien staqsa dwar dan il-punt peress li kien hemm domanda li kienet ġiet imressqa fil-laqgħa preċedenti tar-Reġjun u spjega li l-ġabra li qed tiġi proposta hija għal wara t-tmiena ta' filgħaxija.

47.3.40 Is-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, staqsa jekk din kienitx ġiet deċiża.

47.3.41 Is-Sur Chircop qal kif ma kien hemm xejn deċiż.

47.3.42 Is-Sindku tal-Għargħur, is-Sur Mariah Meli, ġibdet l-attenzjoni li hi kienet qed tinnota li postijiet kummerċjali fil-lokalità kienu qed jużaw l-istess *service provider* u qed tqajjem diffikulta biex il-Kunsill ikun jaf jekk hux qed isir abbuż f'dan ir-rigward.

47.3.43 Is-Sur Chircop qal kif din kienet waħda mill-problemi li tqajmu mal-kuntrattur wkoll u qed jiġu ndirizzata.

47.3.44 Is-Sa Meli staqsiet ukoll lil min għandha titkellem dwar il-ħinijiet.

47.3.45 Is-Sur Chircop qal kif għandha tagħmel kuntatt mal-Waste Manager, is-Sur Ryan Zammit.

47.3.46 Is-Sur Dalli qal kif kulħadd għandu jimxi skond il-bżonn tal-lokalità tiegħu.

47.3.47 Is-Sur Chircop qal li jekk ikun hemm min għandu bżonn jikkunsidra bdil ta' ħin dwar kif inhi s-sitwazzjoni preżenti, għandu jgħamel kuntatt mas-Sur Zammit

- ***Dokument ta' Politika dwar il-Wiedien f'Reġjun Lvant***

47.3.47 Il-President għamel referenza għal dan id-dokument u qal kif wara l-preżentazzjoni dwar dan fl-aħħar laqgħa, hu qal kif bħala Reġjun iddeċidejna li ninvolvu akkademiku mill-Institue of Earth Systems fl-Università ta' Malta. L-għan huwa li niżviluppaw dokument ta' riċerka bbażat fuq studji rilevanti u teżijiet tal-istudenti biex inqajmu aktar għarfien u fokus fuq il-widien tagħna.

- ***Seminar lill-Managers tar-Reġjun***

47.3.49 Il-President informa lill-membri preżenti kif nhar l-Erbgħa 22 ta' Lulju 2025 hu flimkiena mas-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun u mal-Manigers kollha tar-Reġjun kienu attendew għal seminar li kien organizzat mid-Diviżjoni għal-Gvern Lokali fejn għaliha kienu mistidnin il-Presidenti, Segretarju Eżekuttivi, u l-Manigers tar-Reġjuni. Matul dan is-seminar, il-Manigers kellhom l-opportunità li jaqsmu l-*best practices.*

47.3.50 Hu qal kif hu kien l-unika President preżenti u esprima kemm kien kuntent peress li l-preżentazzjoni li ngħatat mill-Managers ta' dan ir-Reġjun kien l-iżjed waħda ta' ispirazzjoni u għal din ir-raġuni hu irringrazzja lill-Managers għax-xogħol li qed isir.

## 47.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

47.3.1 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif għal din il-laqgħa ma kien irċieva l-ebda mistoqsijiet mill-membri.

## 47.5 Rapporti

47.5.1 Il-President informa kif ir-rapporti finanzjarji kienu diġa ġew ippreżentati fil-bidu ta' din il-laqgħa. Madanakollu hu xtaq iressaq ukoll ir-rapporti ppreparati mill-Managers li jiġu mressqa fil-laqgħat tar-Reġjun kull tliet xhur. Hu żied jgħid ukoll kif kopja ta' dawn ir-rapporti kienu ġew imressqa lill-membri permezz ta' emejl meta kienet intbagħtet l-aġenda ta' din il-laqgħa.

47.5.2 Il-President fakkar ukoll li kien hemm il-ħsieb li fil-laqgħat li ġejjin ikun hemm preżenti Manager sabiex jattendi għall-laqgħa tar-Reġjun u jghati spjegazzjoni qasira tax-xogħol li qed isir, pero mhux neċċeserjament wara xulxin.

47.5.3 ***18:17pm - Is-Sindku ta' Ħal Għargħur, is-Sa Mariah Meli, telqet mill-laqgħa minħabba impenji oħra.***

47.5.4 Ir-Rapporti ġew meħuda bħala moqrija u għal din ir-raġuni l-President talab lill-membri jressqu l-kummenti tagħhom.

47.5.5 Dott. Zammit qal li kienu rapporti tajbin.

47.5.6 Ma kienx hemm kummenti oħra u dawn ir-rapporti ġew approvati mill-membri preżenti.

## 47.6 Postijiet Vakanti – Uffiċjal Eżekuttivi Skala 13, FT, EU/Local Funds Manager

47.6.1 B'referenza għal din il-pożizzjoni, Il-President informa kif l-intervisti kienu inżammu nhar it-Tnejn 7 ta' Lulju ġewwa l-uffiċċju tar-Reġjun fejn kien hemm żewġ parteċipanti li attendew għal din l-intervista. Il-

bord ta’ l-evalwaturi kompost mill-President, bħala Chairperson, flimkien mas-Sur Neville Chetcuti u s-Sur Charles Selvaggi u s-Segretarju Eżekuttiv.

47.6.2 Hu qal kif għalkemm dawn iż-żewġ kandidati kienu kwalifikati, kien hemm qbil li dawn ma kienux adekwati għal din il-pożizzjoni. Għal din ir-raġuni l-applikanti għandhom jiġu nfurmata dwar din id-deċiżjoni u terġa tiġi ppublikata din is-sejħa.

## 47.7 *Items* oħra ta’ Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtiega

- *Talba - Kunsill Lokali Swieqi*

47.7.1 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill li r-Reġjun kien irċieva nhar il-Ġimgħa 4 ta’ Lulju sabiex jkun jista jikseb il-fondi meta jissottometti applikazzjoni għal Devlopment Planning Funds sabiex isir Embelisshment Project fi Triq l-Ibraġġ.

47.7.2 Il-President fakkar li kull meta Kunsill japplika mar-Reġjun, ikun intitolat għar-rimborz tal-fondi kollha.

47.7.3 Il-Membri preżenti approvaw din it-talba.

- *Talba - Kunsill Lokali ta’ Pembroke*

47.7.4 Il-President ressaq fuq il-mejda talba li dan ir-Reġjun kien irċieva mingħand dan il-Kunsil nhar il-Ġimgħa 11 ta’ Lulju sabiex jkun jistà jikseb il-fondi meta jissottometti applikazzjoni għal Devlopment Planning Funds sabiex isir dawl ġdid f’diversi toroq (inkluż il-bdil tal-bankini).

47.7.5 Il-membri preżenti approvaw din it-talba.

- *Kuntratt tad-Dawl*

47.7.6 Il-President informa lill-membri kif l-aħħar komunikazzjoni li hu kien ta fl-laqgħa kienet li ser tkun qed tinhareġ tender. Hu qal kif il-probabiltà kien li t-tender ser tkun qed tinħareġ mill-Enemalta direttament ma kuntrattur biex isir installar ta’ sistema ġdida għal kull Reġjun. Hu qal kif dan kien ifisser li mhux kull Reġjun jew Kunsill Lokali ser ikun qed joħroġ dan it-tender. Hu qal kif din għadha mhux uffiċċjali però hija l-probabilità ta’ x’ser ikun qed jiġri.

47.7.7 Inżammet diskussjoni qasira dwar dan is-suġġet bejn il-membri preżenti dwar is-sitwazzjoni li tinsab f’uħud mill-Kunsilli Lokali.

- *Proposta – Seminar dwar l-użu ta’ l-AI*

47.7.8 Il-President informa lill-membri preżenti kif nhar il-Ħamis 24 ta’ Lulju, hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, il-Maniġer Ambjentali, u l-Maniġer Kulturali kellhom laqgħa produttiva mal-Professur Matthew Montebello, wara l-parteċipazzjoni tiegħu fil-Laqgħa Ġenerali Annwali ta' din is-sena.

47.7.9 Is-Sur Chircop spjega kif ġew esplorati diversi ideat interessanti u progressivi matul id-diskussjoni. Proposta ewlenija kienet li jiġi organizzat seminar informattiv u hands-on immirat biex jappoġġja lill-istaff tal-Kunsill Lokali u lill-kunsilliera billi jipprovdi gwida dwar il-proċeduri ta' kuljum u l-aħjar prattiki. Kunċett innovattiv ieħor li ġie diskuss kien avveniment ta' kwizz pubbliku bit-titlu "Spot the Fake", fejn il-parteċipanti se jiġu sfidati biex jiddistingwu bejn xogħlijiet tal-arti u testi prodotti minn artisti reali u dawk iġġenerati mill-intelliġenza artifiċjali. Din l-attività għandha l-għan li tqajjem kuxjenza dwar ir-realiżmu dejjem jiżdied tal-kontenut iġġenerat mill-AI u trawwem ħsieb kritiku dwar l-użu tiegħu fl-arti u l-midja. Il-laqgħa serviet bħala opportunità siewja biex tissaħħaħ il-kollaborazzjoni u jiġu esplorati toroq ġodda għall-edukazzjoni u l-involviment tal-komunità. Għal din ir-raġuni qed tiġi ppreżentata proposta bl-isem – *AI for Local Councils: Practicial Insights & Creative Possibilities*

47.7.10 Kien hemm qbil sabiex dan il-kors jinżamm.

- *Fondi LESA*

47.7.11 Il-President informa lill-membri kif waqt is-seminar li kienu preżenti għalieh hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġju, id-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali kif informa li l-fondi li kienu ingħataw fis-sentejn preċedenti sabiex il-Kunsill jiġi rifondut l-ispejjeż għas-servizz tal-LESA, Pulizija u CPD ma kienux ser jingħataw lir-Reġjuni sabiex jgħadduhom lill-Kunsilli però ser ikunu qed jingħataw direttament lill-NGOs. Hu spjega wkoll kif din kienet imħabbra waqt konferenza stampa li kienet inżammet ftit ta' ġranet qabel din il-laqgħa.

- *Programm - PlantIt*

47.7.12 Il-President informa lill-membri kif l-Aġenzija Żgħażagħ żviluppat il-*PlanIt Bootcamp* bħala programm edukattiv mhux formali mfassal għal żgħażagħ ta' bejn it-13 u s-16-il sena, b'enfasi qawwija fuq il-ġestjoni ambjentali. Hu spjega kif din l-inizjattiva ta' erbat ijiem tagħti s-setgħa lill-parteċipanti biex jesploraw is-sostenibbiltà, l-għajxien responsabbli, u l-involviment ċivili. Permezz ta' attivitajiet prattiċi fil-beraħ, il-programm jinkoraġġixxi konnessjoni aktar profonda man-natura filwaqt li jrawwem ħiliet essenzjali għall-ħajja u għarfien ambjentali. *PlanIt* jispira wkoll l-attiviżmu u l-ħsieb kreattiv, billi jarma liż-żgħażagħ bl-għodda biex jagħmlu impatt sinifikanti fil-komunitajiet tagħhom u fil-ħajja ta' kuljum.

47.7.13 Is-Sur Chircop qal kif il-Kunsill Reġjonali Lvant esprima interess fl-implimentazzjoni tal-programm u fl-integrazzjoni tiegħu ma' inizjattivi ambjentali reġjonali. Din il-kollaborazzjoni tipprovdi lill-parteċipanti b'opportunitajiet biex jagħmlu volontarjat f'avvenimenti bħat-*Thrift Pop-Up*, li jippermettilhom japplikaw dak li tgħallmu f'ambjenti komunitarji tad-dinja reali.

47.7.14 Is-Sur Chircop qal kif hu jaqbel ma din il-proposta u ta' min tiġi inkoraġġuta.

- *Aġenzija Żgħażagħ*

47.7.15 Il-President informa kif wara l-parteċipazzjoni li din l-Aġenzija kellha fil-panel tal-Laqgħa Ġenerali Annwali, il-Kunsill Reġjonali Lvant esprima interess qawwi fl-esplorazzjoni ta' opportunitajiet ta' kollaborazzjoni fil-futur. B'riżultat ta' dan, saret laqgħa nhar it-Tnejn, 7 ta' Lulju, li matulha ġew diskussi diversi suġġetti ewlenin. Għal din il-laqgħa kienu preżenti is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-Maniger tal-Ambjent.

47.7.16 Is-Sur Chircop spjega kif waqt din il-laqgħa, is-Sur Simon Schembri, Maniġer fl-Aġenzija Żgħażagħ, introduċa l-programm ideAzzjonijietisti—inizjattiva bbażata fil-komunità mmirata lejn żgħażagħ ta' bejn l-14 u t-18-il sena. Il-programm għandu l-għan li jippromwovi ċittadinanza attiva permezz ta' taħriġ, riċerka, u involviment sinifikanti mal-komunitajiet lokali. Iċċentrat madwar it-tema "Il-Ħolqien ta' Komunitajiet Inklużivi," jagħti s-setgħa lill-parteċipanti biex jibnu ħiliet ta' tmexxija u jiżviluppaw soluzzjonijiet innovattivi u inklużivi għall-isfidi tal-komunità. Barra minn hekk, l-Aġenzija Żgħażagħ toffri firxa estensiva ta' programmi ta' Ħiliet tal-Ħajja, li jkopru oqsma bħall-Ħsieb Kreattiv, it-Taħdit fil-Pubbliku, iċ-Ċittadinanza Attiva, il-Litteriżmu Diġitali, il-Litteriżmu Finanzjarju, il-Ġestjoni Ambjentali, u aktar—inkluża l-inizjattiva PlantIt. B'impenn lejn l-arti u l-kultura, l-Aġenzija Żgħażagħ tipprovdi wkoll varjetà ta' Programmi ta' Tisħiħ tal-Potenza mfassla biex jappoġġjaw u jrawmu individwi żgħażagħ b'talent b'potenzjal artistiku u kulturali. Inħeġġu lill-Kunsilli Lokali li huma interessati li jikkollaboraw ma Aġenzija Żgħażagħ biex jikkuntattjawna sabiex naqsmu l-kuntatti meħtieġa.

47.7.17 Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet sabiex tinżamm laqgħa ta' informazzjoni lil dawk kollha li huma interessati li jkunu jafu aktar dwar dan il-proġett.

47.7.18 Kien hemm qbil dwar dan mill-membri preżenti.

- *Aġġornament fuq WATERISE*

47.7.19 B'referenza għal dan il-proġett, il-President spjega kif dan il-proġett li kien ġie ppreżentat fi Frar li għadda u li fih il-Kunsill Reġjonali Lvant huwa msieħeb (partner) bit-titlu WATERISE, kien għadda t-tieni fażi tal-għażla u ġie approvat preliminarment.

47.7.20 Il-President fakkar kif dan il-proġett jinvolvi l-installazzjoni ta' adattament tal- Warka Tower f'Pembroke Gardens. L-installazzjoni se tipprovdi sistema ta' ilma ħelu (fresh water) mill-umdità atmosferika. Prof. Maria Attard, li qabel ikkollaborat mal-Kunsill Reġjonali Ċentru fuq il-proġett *Active Travel Totem Poles u Active Mobility*, dan l-aħħar ikkuntattjat lill-Kunsill Reġjonali Lvant biex jipparteċipa fil-fażi konklużiva tal-proġett.

47.7.21 Is-Sur Chircop qal kif l-Università ta' Malta kienet qed toqrob lejn it-tlestija ta' din l-inizjattiva fi sħubija ma' reġjuni oħra, ġejna mistiedna nattendu l-preżentazzjoni finali, li se ssir fuq ġurnata u nofs f'Mantua, l-Italja. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-akkomodazzjoni huma koperti għal delegat wieħed. Madankollu, peress li l-Maniġer Responsabbli mill-Ambjent ma kienx involut fl-implimentazzjoni tal-*Active Travel Totem* Poles, ikun xieraq u ta' benefiċċju li s-Segretarju Eżekuttiv jattendi wkoll, biex tiġi żgurata l-kontinwità u r-rappreżentanza infurmata.

47.7.22 Il-membri preżenti ma sabu l-ebda oġġezzjoni dwar dan.

- *Spotting Walks fil-Widien*

47.7.21 Il-President informa lill-membri kif fid-19 ta' Mejju 2025, il-Maniġer responsabbli mill-Ambjent kellha laqgħa onlajn ma' rappreżentanti mill-FAA u l-Programm King's Trust. Hu qal kif matul id-diskussjoni, intlaħaq qbil li serje ta' "mixjiet ta' osservazzjoni" jiġu organizzati fis-sena skolastika li ġejja għal studenti tal-iskola sekondarja, b'fokus fuq widien magħżula fir-Reġjun Lvant. Wara din id-deċiżjoni, ġiet ikkuntattjata l-ERA, peress li timmaniġġja sistema u applikazzjoni mobbli ddisinjata għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' speċi aljeni f'ambjenti naturali. Hu informa kif laqgħa ta' segwitu dwar dan hija skedata li ssir f'Settembru biex jiġi diskuss aktar ippjanar u koordinazzjoni.

47.7.22 ***18:39pm - Is-Sa Yvonne Bartolo skużat ruħha mill-laqgħa minħabba li kellha impenn ieħor.***

- *Talbiet imressqa mingħand l-Impjegati*

47.7.23 Il-President informa kif is-Segretarju Eżekuttiv kienet irċeviet żewġ talba mingħand is-Sa Antonella Mifsud (mis-sezzjoni tat-Tribunal) li ser tkun qed toħroġ bil-leave tal-maternità lejn tmiem Awwissu, sabiex nofs il-*vacation leave* li hu intitolat lilha għal din is-sena tkun tistà tieħdu kif ikun spiċċa l-*leave* tal-maternità b'mod immedjat f'Jannar 2026.

47.7.24 Il-President qal ukoll kif is-Sa Mifsud ressqet talba oħra sabiex wara li tidħol lura mill-*leave* tal-maternità u l-*leave* li ma tkunx utilizżat din is-sena, tibda taħdem fuq *reduced hours*, fejn ser tibda taħdem 30 siegħa fil-ġimgħa minflok 40 siegħa.

47.7.25 Il-Membri preżenti awgura lis-Sa Mifsud u approvaw dawn iż-żewġ talbiet imressqa.

47.7.26 Il-President semma wkoll kif hu kien infurmat li aktarx it-Tribunal mhux ser jibqa l-obbligu tar-Reġjun. Għal din ir-raġuni jekk ir-Reġjun irid ifittex post alternattiv għall-uffiċini tar-Reġjun, m'għandux għax jaħseb fit-tribunal ukoll. Mandanakollu hu spjega kif ma kien għad hemm xejn uffiċċjali dwar dan.

- *Kwotazzjonijiet*

47.7.27 Il-President ressaq fuq il-mejda kopja tal-kwotazzjonijiet li kienu miġbura. Liema kopja kienu ntbagħatu għall-attenzjoni tal-membri qabel din il-laqgħa.

47.7.28 Is-Sur Chircop spjega kif l-kwotazzjonijiet kif hemm dawk relatati mal-proġett lVANt, tac-ċess tournament kif ukoll tal-konferenza SEDEC 2025. Hu qal ukoll kif ir-Reġjun dejjem għażel l-orħos kwotazzjoni provduta minħabba s-servizz li kien intuża mingħand Alpine hekk kif kien ġie spjegat fil-bidu ta' din il-laqgħa.

- *LVANt* – Insurance –MIB - €1,063.00
- *Chess Tournament*
    - Hospitality Costs – Mannarinu - €776.50
    - Insurance – MIB - €216.50
    - Photographer – Mark Soler - €200
    - Videographer – Testa& Testmar - €354.00
    - PA System - Digital Magic - €466.10
    - Extra Lighting - Noel Borg - €250.00
    - Trophies – Invent 3d - €999.93
    - Risk Assessment – Ing. David Agius - €150.00
    - Tables & Chairs – Pullicin - €247.80
    - Designs – Yan Pirotta - €50.00
    - Chess Sets and Event Coordination - Adrian Mizzi - €375.00

- *SEDEC Conference*
    - Transfers of Delegates from Airport to Hotel and back - Alpine - €1,750.00
    - Traffic Control - LESA - €231.20
    - Videographer – Testa & Testmar - €424.80
    - Photography – Roberto Runza - €180
    - Presenter – Keith Demicoli - €403.56
    - Sourvenire - Kubetti (Heritage Homes Malta) – €761.34
    - Setup - Events Studio –- €5,634.00
    - Interpretation Set up, Sound Sytem and Lights - Genaudio - €25,349.94
    - Catering - AX Hotel - €20,102.00

47.7.29 Il-kwotazzjonijiet preżentati ġew kollha approvati mill-membri preżenti.

- ***Talba***

47.7.30 Il-President ressaq fuq il-mejda kommunikazzjoni li kienet waslet lilu sabiex ir-Reġjun jilqà grupp ta' delegati minn Nepal li ser ikunu preżenti Malta f'Awwissu. Hu esprima li ma kienx hemm fejn dawn jiġu milquha fir-Reġjun u kif is-suġġett kien fuq id-drittijiet tan-nisa.

47.7.31 Is-Sa Maryanne Abela offriet li jistgħu jiġu milquha mill-Kunsill Lokali tas-Swieqi peress li fil-komunità tagħhom hemm ħafna nies li huma ġejjin minn Nepal.

- ***SmartCity Expo World Congress***

47.7.32 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lill-President dwar stedina li kienet waslet lir-Reġjun mingħand l-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

47.7.33 Il-President talab sabiex din il-komunikazzjoni tiġi ċċirkulata lill-membri tal-Reġjun.

47.7.34 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li d-data ta' l-għeluq kien diġa għaddha – 30 ta' Ġunju 2025 - u kif din kienet ġiet diskussa mal-President u kien hemm qbil li għal din il-laqgħa setgħu jkunu preżenti żewġ persuni minn kull Reġjun. l-AKL kienet infurmat li l-President ser ikun qed jattendi f'isem l-AKL u kif is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-Maniger tal-Ambjent kienu ser ikunu qed jattendu f'isem dan ir-Reġjun.

47.7.35 Il-membri preżenti staqsew jekk kienx hemm aktar postijiet u kien hemm qbil sabiex din il-komunikazzjoni tiġi ċċirkulata lill-membri xorta waħda biex jekk xi ħadd ikun interessat, jgħamel l-arranġamenti neċessarji hu.

47.7.36 Il-membri preżenti ma sabu l-ebda oġġezzjoni dwar dan.

## 47.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

47.8.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

47.8.2 Is-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, sekondat mis-Sindku ta' Prembroke, Dott. Kaylon Zammit, ressqu mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 43A u 43B.

47.8.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 47.9 Mozzjonijiet

47.9.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 47.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

47.10.1 Il-laqgħa intemmet fis-18:49 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 20 t'Awwissu 2025, fil-17:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum l-Erbgħa 20 t'Awwissu, 2025.

IFFIRMATA

Anthony Chircop
President

IFFIRMATA

Jeanette Galea
Segretarju Eżekuttiv